**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 265/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, sebgha u tmenin (07.05.1987) u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, Sefton u Marshia;

2. Illi l-partijiet isseparaw nhar it-tlieta ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (03.06.2016) u dan permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A); madanakollu huma ilhom jghixu hajja separata de facto sa mis-sena elfejn u tnax (2012) u dan kif anke jirrizulta minn klawsola dsatax (19) tal-istess kuntratt;

3. Illi l-partijiet ma jircivux manteniment ghal xulxin, filwaqt li qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar il-manteniment tal-bint Marshia, li ghalkemm adulta ghadha tistudja fuq bazi full time, u dan fil-fatt dejjem thallas regolarment mir-rikorrent;

4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma illi hija ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti, hlief illi hija ma ghandhiex tbati ebda spejjez ta' dina l-procedura, stante illi hija ma kienetx tahti ghall-firda mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Gunju 2016 u de facto separati sa mis-sena 2012;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.